MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Numru: 29/15LM

**Antonios Stampolidis, bil-karta tal-identita Griega enumerata 299330 bħala mandatarju tas-soċjetà esterna Chadborn Holdings bin-numru ta' reġistrazzjoni 154321**

**vs.**

**Cashpoint (Malta) Ltd (C 36107)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-13 ta' Jannar, 2015 li bih l-attur **Antonios Stampolidis bħala mandatarju tas-soċjetà esterna Chadborn Holdings bin-numru ta' reġistrazzjoni 154321**, u Dr. Rachel Tua ikkonfermat bil-ġurament, u għar-raġunijiet imfissra talab li din il-Qorti:

*"Illi minn dak li ġie lilha referit, is-soċjetà rikorrenti kienet daħlet f'kuntratt ta' sħubija u kooperazzjoni esklussiva (Dokument B) mas-soċjetà intimata li permezz tiegħu l-partijiet intrabtu illi s-soċjetà rikorrenti ħa jkollha drittijiet esklussivi mas-soċjetà intimata u għandha jkollha responsabbiltà esklussiva għad-distribuzzjoni u l-bejgħ ta' attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' 'online betting'.*

*Illi qabel ma sar l-kuntratt 'l fuq imsemmi, r-rikorrenti ffirmaw ftehim preliminari mas-soċjetà intimata; l-iskop ta' liema kien intiż sabiex jipprovdi bażi għal ftehim ta' kooperazzjoni li ġie ffirmat konsegwentement wara li sar l-insemmi kuntratt preliminari (Dokument A).*

*Illi ai termini tal-kuntratti 'l fuq imsemmija u hawn annessi, id-drittijiet tas-soċjetà attriċi kienu esklussivi għaliha biss.*

*Illi s-soċjetà intimata, ħin bla waqt u mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi tterminaw l-insemmi ftehim b'dan li arrekaw danni inġenti lis-soċjetà rikorrenti, konsistenti dawn id-danni fost oħrajn fl-ispejjeż relatati f'investimenti teknoloġiċi nkorsi mis-soċjetà rikorrenti biex bħala kumpannija jipprovdu servizzi fis-settur tal-internet betting and gambling li huma legalment stabbiliti f'kwalunkwe Membru Stat ġewwa l-Ewropa, spejjeż oħra ta' 'marketing' u 'advertising' kif ukoll f'telf ta' profitti kollox li jammontaw f'miljuni ta' ewro, kif ser jiġi spjegat iżjed dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*Illi minkejja diversi laqgħat u komunikazzjonijiet inklużi vjaġġi esteri u kuntatti sabiex jagħmlu pressjoni fuq is-soċjetà konvenuta sabiex tadempixxi l-obbligi tagħha derivanti mill-insemmija skrittura u minkejja*

*interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas, is-soċjetà intimata baqgħet (recte) inadempjenti*

*Illi di più s-soċjetà intimata illum il-ġurnata qed tkompli tgawdi l-benefiċċji u l-frott tax-xogħol kollu u l-ispejjeż li għamlet il-kumpannija attriċi matul iż-żmien biex ikkreat suq ta' distribuzzjoni u bejgħ ta' attivitajiet ta' online betting.*

*Illi b'hekk is-soċjetà attriċi soffriet danni inġenti kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawża.*

*Għaldaqstant in vista tal-premess u dawk li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors r-rikorrenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddeċiedi din il-kawża billi:-*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li din l-Onorabbli Qorti għandha ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża.*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata tterminat (recte) il-Cooperation Agreement li kien ġie ffirmat bejn il-kontendenti b'mod abbużiv u illegali u mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi.*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kumpannija konvenuta għandha tikkumpensa lill-kumpannija attriċi minħabba li l-kumpannija konvenuta qed tkompli tgawdi l-benefiċċji u l-frott tax-xogħol kollu u l-ispejjeż li għamlet il-kumpannija attriċi matul iż-żmien biex ikkreat suq ta' distribuzzjoni u bejgħ ta' attivitajiet ta' online betting u tordna l-ħlas tal-kumpens xieraq.*

4. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għall-atti illegali (tort, delict or quasi-delict)*

5. *Tiddikjara u tiddeċiedi li minħabba l-aġir abbużiv u illegali tas-soċjetà intimata, s-soċjetà rikorrenti soffriet danni.*

6. *Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà attriċi okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*

7. *Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi d-danni hekk likwidati bl-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandati ta' qbid, inibizzjoni u sekwestru numri 2016/14, 2017/14, 13/2015 intavolati qabel il-ġurnata tal-lum kontra s-soċjetà intimata jew rappreżentant/i tagħha minn issa nġunti għas-subizzjoni u bl-imgħaxijiet legali."*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Cashpoint (Malta) Ltd. (C36107)** ippreżentata fid-9 ta' Frar, 2015, li eċċepiet, u Jeremy Camilleri debitament awtorizzat biex jirrappreżenta lill-istess soċjetà konvenuta, bil-ġurament tiegħu ikkonferma:

1. *Preliminarjament, in-nullità tar-Rikors Maħluf stante illi ma ġiex maħluf skont il-liġi mill-mandatarju tas-soċjetà Chadborn Holdings Ltd., iżda mill-avukatessa li ddikjarat "illi minn dak li ġie lilha riferit".*

2. *Preliminarjament ukoll, u subordinatment u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, il-Qrati nostrani m'għandhomx ġurisdizzjoni sabiex jisimgħu u jiddeċiedu din il-kawża u dan ai termini tal-*

*klawżola 8 ta' l-Agreement on Cooperation eżebit mar-rikors maħluf bħala Dok. 'A'.*

3. *Preliminarjament ukoll, u subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, il-kawża ma tistax titkompla stante illi s-soċjetà rikorrenti ma ħatritx mandatarju speċjali sabiex jirrappreżentaha f'Malta waqt l-andament tal-kawża.*

4. *Illi fil-mertu u subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel tlett eċċezzjonijiet, it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti.*

5. *Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

*Bl-ispejjeż kontra l-istess soċjetà rikorrenti li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni."*

Rat ir-Rikors tal-Avukat Rachel Tua ippreżentat fis-17 ta' Frar, 2015 fejn esponiet is-segwenti:

*Illi l-esponenti ingħatat prokura minn Antonios Stampolidis bħala mandatarju tas-soċjetà estera (recte) Chadborn Holdings bin-numru tar-reġistrazzjoni 154321, l-istess prokura li ngħatat sabiex tirrappreżentah u kull interessi li jista' jkollu f'isem is-soċjetà Chadborn (recte) Holdings kontra s-soċjetà Cashpoint Malta Ltd fil-Qrati ta' Malta.*

*Illi l-istess prokura ingħatat qabel ma ġiet intavolata l-kawża quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi la l-esponenti u lanqas is-soċjetà attriċi m'huma notifikati bl-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta.*

*Illi l-kawża għadha fl-istat preliminarju tagħha u l-ebda parti ma sofra jew ma jista' jsofri ebda preġudizzju f'dan l-istadju preliminari.*

*Illi bi żvista l-esponenti naqset milli tindika illi hija mandatarju tas-soċjetà Chadborn Holdings.*

*Illi l-esponenti tixtieq li tingħata fakultà sabiex issir korrezzjoni ai termini tal-Artikolu 175 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex din l-Onorabbli Qorti tippermetti tibdil fl-iskrittura u dan billi l-okkju tar-rikors promotur permezz tas-sostituzzjoni fl-ismijiet jinqara l-Avukat Rachel Tua bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà esterna Chadborn Holdings bin-numru tar-reġistrazzjoni 154321.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tippermetti tibdil fl-iskrittura u dan billi l-okkju tar-rikors promotur permezz ta' sostituzzjoni fl-ismijiet jinqara l-Avukat Rachel Tua bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Chadborn Holdings bin-numru 154321 jew tagħti kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat ir-Risposta tas-soċjetà konvenuta Cashpoint (Malta) Ltd. għar-Rikors tal-Avukat Rachel Tua ippreżentat fis-17 ta' Frar, 2015 li tesponi is-segwenti:

*Illi t-talba tar-rikorrenti ma tistax tiġi milqugħa għar-raġunijiet segwenti:*

*Illi r-rikorrenti saret taf bl-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata fis-seduta tas-17 ta' Frar, 2015. Tant hu hekk illi l-kawża tħalliet għat-trattazzjoni fuq l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni. Kien proprju wara dik is-seduta illi r-rikorrenti ippreżentat r-rikors odjern.*

*L-ewwel eċċezzjoni tgħid hekk:*

*"Preliminarjament, in-nullità tar-Rikors Maħluf stante illi ma ġiex maħluf skont il-liġi mill-mandatarju tas-soċjetà Chadborn Holdings Ltd., iżda mill-avukatessa li ddikjarat "illi minn dak li ġie lilha riferit"".*

*Illi r-rikors ġuramentat kellu jiġi maħluf minn Antonios Stampolidis u minn ħadd iżjed. Mhux biss l-okkju tal-kawża isemmi lil Antonios Stampolidis bħala mandatarju tas-soċjetà estera Chadborn Holdings, iżda anke wara l-okkju fl-ewwel faċċata tar-rikors ġuramentat, ġie dikjarat hekk: "Rikors Ġuramentat ta' Antonios Stampolidis bil-karta tal-identità Griega enumerata 299330 bħala mandatarju tas-soċjetà esterna Chadborn Holdings bin-numru tar-reġistrazzjoni 154321". Għalhekk il-mandatarju tas-soċjetà rikorrenti fil-mument tal-preżentata tar-rikors ġuramentat ma kien ħadd ħlief Antonios Stampolidis.*

*Isegwi illi r-rikors ġuramentat ma setgħax jiġi maħluf minn xi ħadd ieħor, lanqas mill-avukat tiegħu. It-talba tar-rikorrenti ma tolqotx xi żball fl-isem ta' kumpannija fl-okkju tal-każ jew addirittura fl-isem tal-mandatarju, iżda tolqot il-ġurament meħud biex jissana r-rikors promotorju biex tibda l-kawża. Il-ġurament ittieħed minn persuna estranea għar-rikors intavolat minn Antonios Stampolidis bħala mandatarju tas-soċjetà Chadborn Holdings. Għalhekk dan mhuwiex*

*żball sanabbli taħt l-Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan għaliex ir-rikors kif maħluf huwa null.*

*Illi għandu jingħad ukoll li r-rikorrenti ma eżebiet l-ebda prokura, la xi prokura mogħtija minn Chadborn Holdings Ltd. lil Antonios Stampolidis u lanqas xi prokura minn Antonios Stampolidis lir-rikorrenti. U dan meta qed tallega li hemm prokura. Għalhekk it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa'.*

*In vista tas-suespost, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti stante li mhijiex sanabbli taħt l-Artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar, 2015 fejn il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni dwar l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà konvenuta.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Marzu, 2015 fejn wara li rat ir-rikors li ġie ppreżentat mill-Avukat Rachel Tua fis-17 ta' Frar, 2015 u rat ir-Risposta tas-soċjetà konvenuta ippreżentata fis-6 ta' Marzu, 2015, irriżervat li tipprovdi fi stadju ulterjuri wara li tkun semgħet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw dwar l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

Waqt it-trattazzjoni dwar l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta, l-Avukat Rachel Tua ppreżentat kopja ta' prokura speċjali ta' Antonios Stampolidis (mhix awtentikata) datata tat-2 ta' Diċembru, 2014[1], fejn l-istess Antonios Stampolidis ħatar bħala mandatarju tiegħu lill-Avukat Rachel Tua.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar dawn l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta għas-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2015.

**Ikkunsidrat:**

Dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dan l-istadju tal-kawża hija l-eċċezzjoni tan-nullità li qegħda tiġi sollevata mis-soċjetà konvenuta minħabba li fl-okkju tal-kawża u fl-ewwel preambolu tar-Rikors Maħluf jingħad illi r-Rikors Maħluf huwa ta' "Antonios Stampolidis, bil-karta tal-identita Griega enumerata 299330 bħala mandatarju tas-soċjetà esterna Chadborn Holdings bin-numru ta' reġistrazzjoni 154321", imma fit-tieni preambolu tar-Rikors Maħluf jingħad illi "Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu tikkonferma dott Rachel Tua". Fit-tielet paġna tar-Rikors Maħluf il-Prokuratur Legali Jean-Pierre Busuttil ikkonferma (a fol. 3 tal-proċess) illi Dott. Rachel Tua ħalfet il-korrettezza tar-Rikors Maħluf wara li qrahulha.

[1] Ara a fol. 97 tal-proċess.

Barraminhekk il-Qorti hija rinfaċċjata wkoll b'dikjarazzjoni fl-ewwel paragrafu tar-Rikors Maħluf li tgħid illi min ħalef ir-Rikors Maħluf, ċjoè Dr. Rachel Tua "qed tesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu tikkonferma illi minn dak li ġie lilha riferit...".

Fi ftit kliem ir-Rikors Maħluf ġie kkonfermat bil-ġurament minn xi ħadd li mhuwiex l-attur nomine Antonios Stampolidis, il-mandatarju tas-soċjetà estera attriċi Chadborn Holdings (numru tar-reġistrazzjoni 154321), imma mill-Avukat Rachel Tua, li skont il-prokura speċjali li tinsab esebita a fol. 97 tal-proċess, semmai hija l-mandatarja ta' Antonios Stampolidis u mhux tas-soċjetà attriċi Chadborn Holdings.

Illi mill-verbal tas-seduta tas-17 ta' Frar, 2015[2] jirriżulta illi f'dawn il-proċeduri dakinhar deher Antonios Stampolidis għas-soċjetà attriċi, assistit mill-Avukat Rachel Tua.

Illi l-Avukat Rachel Tua permezz tar-rikors li jinsab a fol. 84 u 85 tal-proċess talbet illi ssir korrezzjoni a tenur tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 fl-okkju tar-Rikors Maħluf permezz ta' sostituzzjoni fl-ismijiet fis-sens li minflok "Antonios Stampolidis, bil-karta tal-identita Griega enumerata 299330 bħala mandatarju tas-soċjetà esterna Chadborn Holdings bin-numru ta' reġistrazzjoni 154321", l-okkju tal-kawża jiġi jaqra "L-Avukat Rachel Tua bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera Chadborn Holdings bin-numru tar-reġistrazzjoni 154321 jew

[2] A fol. 46 tal-proċess.

tagħti kull provvediment ieħor illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun."

Din il-Qorti hija propensa li ssostni li kull fejn att ġudizzjarju milqut minn difett jew irregolarità proċedurali jkun possibbli li jiġi sanat u salvat, fl-interess tal-ekonomija tal-ġudizzju u l-buon sens ta' prattiċità, m'għandha ssib l-ebda diffikultà li ssalva l-att milqut, dejjem fil-limiti ta' dak li tipprovdi l-liġi fl-Artikolu 175(1) tal-Kap. 12, illi t-tibdil meħtieġ biex jiġi ssanat l-att ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu.

**Konsiderazzjonijiet ta' dritt**

Skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, biex iwassal għan-nullità ta' atti ġudizzjarji hemm bżonn li nuqqas ikun tali li ma jistax jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali. (Ara sentenza fl-ismijiet **Ellul E. vs. Agnese Gera de Petri**[3]).

Difett proċedurali ma jġibx in-nullità tal-att jekk il-parti l-oħra ma tbatix xi preġudizzju serju. (Ara sentenza fl-ismijiet **Attard Michael vs. Raymond Galea**[4]). Biex tiġi dikjarata nulla ċitazzjoni u jitwaqqaf il-kors tagħha, jinħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju

[3] QA - deċiża fil-21 ta' April, 1995.
[4] QA - deċiża fit-12 ta' Mejju, 1998.

għad-difiża tal-konvenut. (Ara sentenza fl-ismijiet **Francis Xavier sive Mosè Aquilina vs. Carmela sive Lina Aquilina**[5]).

Il-Qrati tagħna mhumiex favur il-formaliżmu esaġerat u fejn jistgħu, isalvaw l-atti u mhux jannullawhom. "Il-prassi segwita mill-Qrati tagħna, anke abbażi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluż l-Artikolu 175 tal-Kap. 12 hija li formaliżmu eżaġerat ilu ħafna li ġie mnaqqas u limitat u bir-raġun il-liġi qegħda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formaliżmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh". (Ara sentenzi fl-ismijiet **Malta Development Corporation vs. Paul Licari**[6]; **Charles Fino vs. Alfred Fabri noe**[7]; **Maurizio Urso vs. Fr. Charles Cini**[8]. Ara wkoll is-sentenzi fl-ismijiet **Ellul vs. Coleiro**[9]**; Guillaumier Industries Ltd vs. Fava et**[10]**; Attard noe vs. Galea**[11] u **Aquilina vs. Cassar**[12]).

Fil-kawza **Vella vs. Cefai**[13] il-Qorti tal-Appell sostniet li meta fl-att taċ-ċitazzjoni jkun hemm vjolazzjoni tal-forma, l-eċċezzjoni tan-nullità taċ-ċitazzjoni tista' tiġi milqugħa biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet lill-parti li titlob in-nullità preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat. Inoltre l-Qorti kompliet tafferma li f'dawn il-każi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun għall-prattiċità u sabiex tiġi evitata multiplikazzjoni ta'

[5] QA – deċiża fil-21 ta' Marzu, 1988.
[6] PA - deċiża fit-22 ta' April, 2004.
[7] QA - deċiża fit-28 ta' Frar, 1997.
[8] PA - deċiża fid-19 ta' Jannar, 1999.
[9] QA - deċiża fl-24 ta' Jannar, 1994.
[10] PA - deċiża fit-28 ta' Ottubru, 1998.
[11] QA - deċiża fit-12 ta' Mejju, 1998.
[12] Vol.LXXVI.IV.666.
[13] QA - deċiża fl-4 ta' Novembru, 1991 (Vol.LXXV.II.467).

kawżi u spejjeż żejda, għandha tkun iebsa meta tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun għandha ssalva atti ġudizzjarji.

Att ta' ċitazzjoni għandu jiġi mwaqqa' u annullat biss għal raġunijiet gravi. In-nullità tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-liġi trid li tiġi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jiġi tollerat mingħajr ħsara ghal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali (Ara wkoll sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Frar, 2015 fl-ismijiet **S.M.T. Developers Limited u Bathroom Styles Limited vs. Soap and Sponge Limited**[14]).

Din il-Qorti tikkondividi għal kollox dan l-approċċ prattiku li finalment għandu jwassal biex in-nies ma jispiċċawx vittmi ta' ostakli proċedurali u formaliżmu esaġerat. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferiment għal silta minn sentenza tal-Imħallef Maurice Caruana Curran li jibqa' jillumina l-Qrati tagħna bl-insenjament tiegħu:

> *"Il-liġi, konsistentement mal-ġustizzja u mas-serjetà u d-dinjità tagħha, għandha sservi ta' strument soċjali kostruttiv, li biha n-nies għandhom dritt jinqdew b'mod prattiku li jirrendi l-frott u ħajja mhux dewmien evitabbli u ariditā li jiddispraw lil dak li jkun u jikkreaw ostilità u xettiċiżmu fost il-poplu kontra l-liġi".*[15]

[14] Deċiża fis-6 ta' Frar, 2015.
[15] **Lawrence Farrugia sive Gatt vs. Dottor Vladimir Formosa nomine** (PA) deċiża fid-29 ta' Jannar, 1970.

Anki għal dik li hija duttrina min-naħa ta' ġuristi awtorevoli bħal François Laurent[16] joħroġ dan is-sens qawwi ta' bilanċ li jrid jinstab bejn ir-rispett tal-liġi u l-konsegwenzi li jsegwu meta att ġudizzjarju jiġi annullat:

> *"Quando si tratta di pronunziare la nullità di un atto contrario alla legge, il legislatore deve ponderare il male che risulta dall'innoservanza della legge, e il male che produce l'annullamento. Se mantiene l'atto, quantunque la legge sia stata violata, esso compromette la sua autorità; le leggi impotenti non siano più rispettate, e senza il rispetto alla legge non vi è società. Ma pure, se il legislatore annullasse ogni atto che contenesse la minima irregolarità, sorpasserebbe il suo compito; è nell'interesse della società ch'esso annulla; ora, l'interesse della società non domanda certamente questo lusso di nullità, poichè a forza di assicurare l'autorità della legge la si renderebbe realmente odiosa, essendochè i cittadini ad ogni istante si vedrebbero disturbati nei loro possessi; e questo disturbo può essere un male più grande che l'innosservanza della legge. Tutte le disposizioni delle leggi non hanno la medesima importanza. Ve ne sono di quelle per cui il legislatore non può soffrire la violazione, perchè vi è in causa un interesse capital. Per contrario, ve ne sono di quelle che prescrivono delle formalità, utili senza dubbio, ma d'un interesse secondario."*

**<u>Riżultanzi</u>**

Id-difetti proċedurali fir-Rikors Maħluf li qegħda tilmenta minnhom is-soċjetà konvenuta u li abbażi tagħhom ġiet eċċepita n-nullità tar-Rikors Maħluf, essenzjalment huma tlieta: (i) illi r-Rikors Maħluf ġie kkonfermat bil-ġurament

[16] *Principii di Diritto Civile,* ed. 1899; Vol. I, §42, p. 60.

mhux minn Antonios Stampolidis, il-mandatarju tas-soċjetà attriċi, imma kien ikkonfermat bil-ġurament tal-Avukat Rachel Tua; (ii) illi l-persuna li kkonfermat bil-ġurament ir-Rikors Maħluf, l-Avukat Rachel Tua, iddikjarat li qed tikkonferma bil-ġurament "minn dak li ġie lilha referit" u mhux dak li jirriżulta lilha personalment; (iii) illi sussegwentement proprju waqt it-trattazzjoni dwar l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, l-Avukat Rachel Tua bl-iskop li tkun tista' tidher f'dawn il-proċeduri bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà attriċi minflok Antonios Stampolidis, flok ippreżentat prokura speċjali maħruġa mis-soċjetà attriċi, ippreżentat prokura speċjali maħruġa minn Antonios Stampolidis.

L-Artikolu 164(1) tal-Kap. 12 jipprovdi li:

> *"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 175 (tal-Kap. 12) ikun hemm nullità jekk kawża illi jmissha tinġieb b'rikors ġuramentat jew b'rikors ta' appell minflok tinġieb permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor".*

Din il-Qorti tqis illi fil-kawża odjerna l-fatt li r-Rikors Maħluf minflok ġie kkonfermat bil-ġurament minn Antonios Stampolidis il-mandatarju tas-soċjetà attriċi, ġie maħluf mill-Avukat Rachel Tua, għandu jitqies daqs li kieku kawża li jmissha inġiebet b'rikors ġuramentat inġiebet minflok permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor u għalhekk ai termini tal-istess Artikolu 164(1) tal-Kap. 12 fil-kawża odjerna hemm in-nullità tar-Rikors Maħluf.

Ir-riferiment fl-imsemmi Artikolu 164(1) għall-Artikolu 175 tal-Kap. 12 jista' jagħti wieħed x'jifhem illi mhuwiex eskluż li l-irregolarità ikkontemplata fl-imsemmi Artikolu 164(1) tista' tiġi ssanata bis-saħħa tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12.

Imma fil-fehma ta' din il-Qorti l-irregolarità sollevata bl-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, setgħet tiġi sanata biss, caso mai, li kieku l-Avukat Tua esebiet prokura speċjali maħruġa mis-soċjetà attriċi Chadborn Holdings li tawtorizzaha tidher f'dawn il-proċeduri għan-nom u in rappreżentanza tal-istess soċjetà attriċi. Għal kuntrarju l-Avukat Tua ittentat tissana l-irregolarità fl-att promotur billi ippreżentat prokura speċjali ta' Antonios Stampolidis f'ismu personali minflok ma ppreżentat prokura speċjali jew board resolution tas-soċjetà attriċi.

Illi għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà attriċi għandhom jiġu milqugħa.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel u t-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta Cashpoint (Malta) Ltd (C 36107), qegħda tiċħad it-talbiet tas-soċjetà attriċi fit-totalità tagħhom stante in-nullità tar-Rikors Maħluf.**

**Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi Chadborn Holdings bin-numru ta' reġistrazzjoni 154321.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------